# Tinsinix!

Joe Zammit Tabona

Hu miktub li tard jew kmieni
Żgur jifridna ż-żmien għaddieni!

Waħda biss nitolbok, jiena,
Tinsinix iftakar fija;
U bi xrara qatt għajjiena
Għożż imħabbti qatt minsija;
Tinsinix iftakar fija!
U tinsiex is-sigħat sbejħa
Illi saħħru l-jumejn tagħna,
Tal-imħabba mġammra s-sejħa
Li għaddejna mwaħħda magħna;
Tinsinix iftakar fija!

Iżda jekk xi waqt tinsini,
Tibża' xejn, ibqa' daħkana,
Hekk nixtieq qalbek turini,
F'hena mdiehba u fuqana;
Aħjar tinsa u tkun ferħana,
Milli xxerred dmugħ għalija,
Wisq aħjar bil-ferħ xebgħana
Flok bis-swied qalbek mifnija;

Għax miktub li tard jew kmieni
Żgur jifridna żmien għaddieni!